MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 13/2002/1

**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI, GURISDIZZJONI GENERALI**

**MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Tlieta 12 ta' Ottubru, 2004 .**

**Citazzjoni numru : 13/2002G1(PC)**

Sherry Dimitrov Xuereb .

vs

Vencislav sive Ventzislav Kamenov Dimitrov .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attrici, wara li ppremettiet :

Illi z-zwieg apparentement kontrattat bejn il-kontendenti fl-erbatax (14) ta' Marzu elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) - Dokument A - kien null minhabba li l-kunsens tal-attrici nkiserb b'qerq dwar il-kwalita' tal-konvenut li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga ta' bejn il-kontendenti, a tenur tal-artikolu 19(1) (c) tal-Kap. 255 Dwar iz-Zwieg ;

Illi dan iz-zwieg kien null ukoll minhabba li l-kunsens tal-konvenut kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, a tenur tal-artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 Dwar Iz-Zwieg ;

Illi dan iz-zwieg kien null ukoll minhabba li l-kunsens tal-attrici kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, a tenur tal-artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 Dwar iz-Zwieg .
Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti :

1. L-imsemmi zwieg bejn il-kontendenti li sar fl-14 ta' Marzu 1998, kien null u bla effett mill-ewwel gurnata tieghu, ai termini tal-artikolu 19(1)(c)(d)(f) tal-Kap. 255 Dwar iz-Zwieg, u taghti dawk il-provvedimenti kollha necessarji f'dan ir-rigward ;

2. Il-konvenut huwa unikament responsabbli ghan-nullita' taz-zwieg *de quo .*

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut .

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attrici debitament ikkonfermata bil-gurament .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. Illi t-talba attrici mhijiet opposta b'dana li z-zwieg ikkuntrattat mill-kontendenti fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998), ghandu jigi ddikjarat null u bla effett fil-ligi, izda minhabba ragunijiet attribwibbli lill-attrici, fosthom li l-kunsens taghha kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga ;

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut minnu mahlufa.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha, l-affidavits u dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz tal-kawza prezenti l-attrici qed titlob dikjarazzjoni ta’ nullita’ taz-zwieg taghha mal-konvenut ghax allegatament :

(i) il-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg nkiseb b'qerq dwar il-kwalita' tal-konvenut li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga ta' bejn il-kontendenti a tenur ta' l-artikolu 19(1)(c) tal-kap. 255 Dwar iz-Zwieg ;

(ii) minhabba li l-kunsens tal-konvenut kien vizjat b'difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg a tenur ta' l-artikolu 19(1) (d) ta' l-istess ligi ; u

(iii) minhabba li l-kunsens ta' l-attrici kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja

mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg, a tenur tal-artikolu 19(1) (f) ta' din il-ligi .

Il-konvenut mhux jopponi t-tabla . Jikkontendi pero' illi dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attrici, fosthom li l-kunsens taghha kien ivvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwga .

Illi l-prova ta’ kwalunkwe wahda minn dawn ir-ragunijiet hija sufficjenti biex tirrendi zwieg null skond il-ligi taghna . Il-kompitu ta’ din il-Qorti huwa ghalhekk li tara u tezamina jekk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami, jistghux iwassluha ghall-konkluzjoni illi tezisti xi wahda jew aktar minn dawn ir-ragunijiet li tirrendi zwieg null skond l-Att dwar iz-Zwieg (Kap. 255) .

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal din il-kawza, kif jirrizulta mill-provi mressqa, kienu s-segwenti :

L-attrici kienet iltaqghet mal-konvenut, guvni ta' nazzjonalita' bulgara, ftit wara li dan beda jilghab il-football mat-team tan-Nadur Youngsters, meta t-tnejn li huma kienu jiffrekwentaw ic-Centru Parrokjali tan-Nadur . Dakinhar l-attrici kienet gia gharusa ma' haddiehor, u darba minnhom meta kienu gia saru t-tnidijiet taz-zwieg, l-gharus taghha Noel Grima[1] hakimha tinnamra mieghu fejn il-bahar . Jidher illi l-attrici kienet qed tiehu gost tidher u taghmilha ma' persuna popolari fir-rahal bhal ma kien il-konvenut dik il-habta . Malajr nibtet hbiberija kbira bejn il-kontendenti u fi zmien ftit xhur saru intimi u bdew anke jiffrekwentaw ir-residenza ta' xulxin . Gara illi kien wasal iz-zmien sabiex tiskadi l-visa tal-konvenut li kellu permess biex joqghod f'dawn il-gzejjer ghal sena biss . Il-konvenut inqabad ukoll jahdem bla permess u ghalhekk il-kontendenti kienu preokkupati illi l-konvenut seta jitkecca minn mument ghall-iehor . Allura hadu parir legali li kien jaqblilhom jizzewgu malajr kemm jista' jkun u b'hekk isolvu din il-problema . Ftit wara l-attrici cediet ghall-pressjoni li beda jaghmlilha l-konvenut biex jizzewgu, u kontra l-parir

[1] Ara affidavit tieghu tal-24.09.03 a fol. 90 tal-process .

tal-genituri taghha u shabha, bdiet immedjatament il-preparamenti ghat-tieg, billi ma tantx kien baqa' zmien . Il-partijiet attendew kors ta' Kana, ingiebu l-permessi mill-Bulgarija u r-Russja sabiex il-konvenut ikun jista' jizzewweg bir-rit kattoliku u fl-14 ta' Marzu 1998,[2] u cioe' xahar u nofs biss qabel ma kienet ser tiskadi l-visa tal-konvenut,[3] il-partijiet izzewgu fil-knisja parrokkjali tan-Nadur . Marru joqghodu fis-sular ta' fuq tad-dar tal-genituri ta' l-attrici u l-konvenut gie anke offrut xoghol fin-negozju ta' missier l-attrici . Imma malajr beda l-inkwiet . Wara li rritornaw minn vaganza ta' erba' xhur fi New York, l-attrici bdiet tikkomunika regolarment ma' ragel iehor permezz ta' l-internet . Omm l-attrici ta' spiss kienet tisma lill-kontendenti jghajtu u jargumentaw bejniethom fid-dar taghha, imma hija ma kienitx tindahal[4] . L-attrici fethet qalbha ma' ommha u mal-habiba tal-qalb taghha Beverly Said[5] illi relazzjonijiet intimi ma' zewgha kienet qeghda kemm jista' jkun tevitahom u kienu anke spiccaw jorqdu f'sodod separati . Infatti tfal minn dan iz-zwieg baqa' qatt ma kien hemm . Gara mbaghad illi l-attrici regghet siefret wahedha lejn l-Amerika u rritornat tqila xi zmien wara mal-*boyfriend* taghha . Bl-ebda mod hija ma riedet tirrikoncilja mal-konvenut tant li regghet marret l-Amerika u baqghet hemm[6] .

F'dawn ic-cirkostanzi jidher illi hawnhekk ghandna kaz ta' nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kontendenti dwar id-dmirijiet u drittijiet tal-hajja mizzewga . Ikun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, meta xi wahda mill-partijiet, ghalkemm ma jistghax jinghad li tbati minn infermita’ mentali, tkun dahlet ghal din ir-rabta konjugali minghajr maturita’ bizzejjed ghaz-zwieg .

L-Imhallef Rotali **Davino** innota li n-nuqqas ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju, kawsali simili fid-dritt kanoniku ghan-nullita taz-zwieg, jfisser ukoll in-nuqqas ta’ kapacita’

[2] Dok. A a fol. 5 .
[3] ara depozizzjoni ta' Anthony Buttigieg tal-15.5.03 a fol. 38 .
[4] ara depozizzjoni ta' Carmen Xueereb tat-18.3.03 a fol. 20 – 24 .
[5] ara depozizzjoni taghha tat-18.3.03 a fol. 25 – 27 .
[6] ara affidavit ta' l-attrici a fol 48 - 49 u dak tal-konvenut tad-19.09.03 a fol. 94 - 96 .

fil-partijiet kontraenti li jilhqu ammont sufficjenti ta' riflessjoni proporzjonata ghall-kuntratt konjugali, li hija fakulta' riflessiva mehtiega ghall-istat nuzjali (monito. Ecclesiastices, 108(1983) 504, u. 2. cfr. Ch. Defebvre : "Defectus Discretionis indicii in Rotali Iurisprudentia in Periodica, 69, (1980) p. 55 – 7) : "*This is the capacity to put together judgements already reached to form a new judgement i.e. affirm or deny something about the objects of consent (in this case marriage) . A sufficient mature capacity to judge and to reason, to make a practical evaluation of the nature and essential obligations of marriage . The critical faculty is the faculty to combine reasoned judgement to form a new judgement. In marriage, the person about to marry must have the capacity to argue and reason inside of himself whether he should, first of all marry at any given time, and secondly, marry the person proposed as his/her spouse . He/she must internally turn over the reasons for and against whether to take the other person for a commitment of a lifetime, which commitment would have to include the giving of one self to the other, the rendering of mutual service, and the institution with the other person of a lifetime full of a life of mutual help, respect and self-sacrifice*" (vide sentenza *coram anne* – 22.7.69, SRRD No. 1.61, pp. 864 -865 n. 3) .

Fil-kaz in ezami nsibu illi huwa ovvju li l-kontendenti qatt ma riedu u nfatti ma dahlux ghaz-zwieg bir-responsabilitajiet mehtiega biex jaghmlu z-zwieg wiehed validu . Zgur li l-akbar preokkupazzjoni taghhom kienet illi jizzewgu kemm jista' jkun malajr biex tigi evitata t-tkeccija imminenti tal-konvenut minn dawn il-gzejjer . Il-konvenut kien kuntent hawnhekk u akkost ta' kollox ma riedx jirritona f'pajjizu . L-attrici, ghalkemm ma kienitx konvinta mill-pass li kienet ser taghmel, finalment cediet ghall-pressjoni morali li kien qed jaghmlilha l-konvenut biex tizzewgu kemm jista' jkun malajr . Jidher illi mhabba vera bejniethom qatt ma kien hemm . Il-konvenut ried jinqeda bl-attrici ghall-iskopijiet tieghu u l-attrici, li ghall-ewwel kellha certa simpatija ghalieh, x'hin il-konvenut sab ruhu f'dawn ic-cirkostanzi, kkonfondiet tirrifjuta li tghinu .

Jirrizulta ghalhekk illi l-unika raguni illi wasslet lill-kontendenti ghad-decizjoni li jizzewgu, kienet il-problema tal-visa tal-konvenut li kienet waslet imminentement biex tiskadi . Ma jidhirx illi huma qatt hasbu b'serjeta' x'kienu tassew l-implikazzjonijiet tal-pass li kienu ser jiehdu meta ddecidew li jizzewgu hekk malajr . F'mohhom dakinhar kellhom biss li tigi evitata l-problema tal-konvenut . Dan kien ghalhekk biss zwieg ta' konvenjenza u qatt ma kien hemm il-maturita' mehtiega fil-partijiet sabiex jifhmu tassew l-implikazzjonijiet veri ta' xi tfisser hajja mizzewga . Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan kollu huwa ndikattiv ta' nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju dwar il-hajja mizzewga fil-partijiet meta hadu dak il-pass u ma raw xejn fir-rabta li dahlu ghaliha, ghajr soluzjoni prattika ghall-problema tal-visa tal-konvenut .

Ghaldaqstant m’hemm l-ebda raguni ghaliex din il-Qorti ghandha tezamina r-ragunijiet l-ohra msemmija mill-attrici fic-citazzjoni taghha ghaliex l-istess zwieg kien null .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza billi, tilqa’ t-talba attrici u tiddikjara li z-zwieg bejn il-kontendenti li sar fl-erbatax (14) ta’ Marzu tas-sena elf disa’ mija tmienja u disghin (1998) kien null u bla effett ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi sa mill-ewwel gurnata tieghu, minhabba illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga a tenur ta’ l-artikolu 19 (1)(d) tal-Ligi dwar iz-Zwieg (Kap. 255) .

L-ispejjez tal-kawza, billi ghal dak li gara, jahtu ndaqs iz-zewg kontendenti, ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejniethom .

Fl-ahharnett tordna illi kopja ufficcjali ta’ din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghal Ghawdex sabiex isiru d-debiti notamenti fuq l-Att ta’ Zwieg relattiv skond il-ligi .
S1302Pc(sup)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------